**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

**Onor. Miriam Hayman**

**Imhallef**

**Fl-Atti tal-mandat ta' Inibizzjoni Nru: 905/2022MH**

**Fl-ismijiet:**

**Green MT Limited [C-42136]**

**Vs**

**Direttur General tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Direttur Generali tad-Divizjoni tal-Gvern Lokali, Kunsill Regjonali Tramuntana, Kunsill Regjonali Lvant, Kunsill Regjonali Punent, Kunsill Regjonali Port, Kunsill Regjonali Nofsinhar, Kunsill Regjonali Ghawdex, Ministru ghall-Ambjent, Energija u Intraprizi, WasteServ Malta Limited (C-30560)**

**Illum 1 ta' Awwissu, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur datat 7 ta' Lulju, 2022, fejn intalab illi l-intimati jinżammu milli jiftħu, jaċċettaw jew jipproċessaw l-offerti jew b'xi mod ieħor jibdew u/jew ikomplu u/jew jikkonkludu l-proċess ta' aġġudikazzjoni tal-offerti li l-offerenti setgħu jew jistgħu jissottmettu għas-segwenti sejħiet għat-*tenders* hemm imsemmija.

Ukoll li b'mod ieħor jagħtu effett għall-kawżoli tas-sejħiet għat-tenders imsemmija, inkluz b'konkluzzjoni ta' kuntratti bejn il-konvenuti stess jew mal-offerenti u/jew terzi. A skans ta' ekwivoċi, l-koperattiva esponenti tixtieq għalhekk, għal dawk li għandhom x'jaqsmu s-sejħiet għat-tenders imsemmija jew l-effetti tagħhom, iżżomm lill-kumpanija intimata WasteServ Malta Limited milli b'xi mod toħrog ċertifikati ta' riċiklagg (l'hekk imsejħa *"recycling certificates"* in konnessjoni u'jew in konsegwenza ma' dawn is-sejħiet għal tenders u/jew il-

Proposed measures indikati f'Dok G2 u/jew teffettwa pagamenti għall-ġbir ta' skart skond l-istess sejħiet għat-tenders imsemmi.

Ir-risposti oppositorji għal -istess jagħtu spektru kemm ugwali ukoll differenti ta' eċċezzjonijiet għal din it-talba.

Rat id-digriet tagħha datat 7 ta' Lulju, 2022 fejn laqgħet it-talba b'mod provisorju.

Semgħet id-debita trattazzjonijiet

Ikkonsidrat

Ingħad fil-provediment fl-ismijiet il-**Malta Union of Teachers Association vs Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol et**. [1] li;

*"In linea generali, tnejn huma l-elementi li rikorrent irid jissodisfa :-*

*1) irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u*
*2) irid jipprova li prima facie ghandu dawn il-jeddijiet.*

*Dwar il-prova prima facie tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza Grech pro et noe vs Manfre` (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –*

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat. (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).*

*Iz-zewg elementi fuq riferiti huma in linea generali.*

[1] 26 ta' Marzu, 2015 ; 347/2015/1

*Iżda fejn il-Mandat ikun qed jintalab li johrog kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha [Art 873(3)] l-elementi minn tnejn isiru tlieta u cioe` :–*

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

*...*

*Fil-kuntest tat-tielet element li jrid jikkonkorri fil-kaz ta` Mandat kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblikafil-kariga ufficjali taghha, partikolarment l-element tal-pregudizzju, ghandu jinghad illiwara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwarpregudizzju "li ma jkunx jista' jigi rimedjat" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrugtal-Mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti lititlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkunmanifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.*

*L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.*

*Kif diga` kellha okkazjoni tghid qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Din hija r-raguni ghala l-ligi nbidlet u stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-ħrugta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tkun michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew ma ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandatta` Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni a` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar ilpretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara*

*jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta`Inibizzjoni. Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.*

*Illi kif huwa ben saput u ripettutament miżmum mandat ta' inibizzjoni huwa proċediment eċċezzjonali wieħed straordinarju li ma għandux iservi biex jiġi mfixkel id-drtitt sostantiv. Daqstant ieħor pero fejn jokkorru l-elementi li trid il-liġi huwa mezz kif kreditur jista' jisalvagwardja d-drittijiet tiegħu jekk jkun se jiġi soffert tant ħsara, bl-azzjoni li tagħha qed tintalab iż-żamma, li jwassal għal preġudizzju irriparabbli u irrimedjabbli. Dan kollu joħrog ċar mill-kelma tal-liġi vigenti fir-rigward; arikolu 873 tal-Kap 12.*

*Ġia dan l-artikolu jesiġi l-esistenza ta' dritt li jidher mad-daqqa ta' għajn, dan għaliex hawn si tratta ta' proċeduri sommarji li ma jippermettu ebda indagni n funditus, kompetenza dan li tmiss lil Qorti li tkun adita bis-smiegħ tal-kawza propja.*

*Il-preġudizzju mitlub irid ukoll per natura tiegħu, in kwantu dan huwa mezz kif ingħad straordinarju, li jkun wieħed ta' irreparabbilta'. Għalhekk fejn l-ilment huwa tali li jaf sodisfazzjon pekunjarju dan il-mandat ma jsibx loku.*

*Oltre dan, kif sew intqal fit-trattazzjoni, hawn jidħol l-operat tal-artikolu 873(3) tal-Kap 12 li jesiġi ukoll li:-kontra minn jintalab il-mandat jikkonferma fil-qorti bil-miftuħ lil ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir;u noltre, u dan huwa element ieħor rikjest, illi l-Qorti għandha ukoll tkun sodisfatta wara li tisma l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm il-darba ma jinħariġx il-mandat, se jinħoloq preġudizzju sproporzjonat lir-rikorrenti meta mqabbel ma l-istess għemil tal-ħaġa li qed titalab li tiġi miżmum.*

Tikkunsidra ulterjorment

- Illi ġia a priori dan il-mandat jfalli in kwantu ma saret ebda dikjarazzjoni kif mitlub fis-subinċiż 3 imsemmi. **Tali dikjarazzjoni la saret u lanqas ġiet mitluba;**

- Jidher ukoll li liment tar-rikorrenti huwa xprunat minn telf pekunjarju u jaf jiġi soddisfat mod ieħor jekk isib suċċess il-jedd sostantiv fil-fora apposita. Konsegwentement kif ingħad in kwantu dan il-mandat huwa ta' natura tant straordinarja, u n kwantu mhu se jiġi soffert mir-rikorrenti ebda pregudizzju irreparabbli, mhux lok li dan jintlaqa'
- Oltre hekk, semgħet fit-trattazzjoni li hawn si tratta ta' possibilta' ta' telf ta' fondi ewropej f'ammont konsiderevoli dan jekk mhux attwati il-*policies* maħsuba, għalhekk bi preġudizzju konsiderevoli għal pajjiżna. Għalhekk ma jistax jingħad lir-rikofrrenti se jsoffru preġudizzju sproporzzjonat meta mqiegħed fuq il-miżien ta' dak maħsub li jsir fir-rigward ta' l-ġir ta' l-iskart.

Iżid ukoll illi kif ingħad dawn huma proċeduri ta' natura sommarja, il-Qorti mhux se tagħmel, u temmen li hija priva ex lege li tagħmel dan, ebda eżami kif suġġerit fl-eċezzjonijiet ta' natura preliminari mressqa bħal kompetenza u minn jista' jkun il-legittimu kontradittur biex jirrispondi għal eventwali xilja.

Konsegwentement tiċħad it-talba bl-ispejjeż kontra ir-rikorrenti u qegħda tirrevoka d-digriet tagħha datat 7 ta' Lulju, 2022 fejn it-talba ġiet milqugħa b'mod provisorju.

**Onor.Miriam Hayman**

**Imhallef**

**Victor Deguara**

**Dep Reg**